# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Gimgha, 5 ta' Gunju 2020**

**Kawza Numru: 25**

**Rikors Guramentat Numru:- 389/2019 JVC**

**Miriam Christine Borg (K.I. 592878M) u b'digriet tat-30 ta' April, 2019 giet mahtura kuratrici ad litem tal-minuri Luna Rosa Bourne**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrenti Miriam Christine Borg ikkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. Illi r-rikorrenti Miriam Christine Borg u Michael Bourne (K.I. 0154309A) kellhom relazzjoni flimkien, minn liema relazzjoni twieldet il-minuri Luna Rosa nhar l-ewwel (1) t'Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) u li llum ghandha sentejn (2), hekk kif jidher mill-Att tat-Twelid li jgib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 6095 tas-sena 2016, hawn anness u mmarkat bhala **Dok A;**

2. Illi mat-twelid taghha, il-minuri giet registrata bil-kunjom tal-missier u cioe' "Bourne";

3. Illi r-relazzjoni bejn il-genituri tal-istess minuri spiccat u nfatti r-rikorrenti u missier l-minuri Luna Rosa Bourne dehru fuq kuntratt sabiex jirregolaw l-aspetti relattivi ghall-minuri fl-atti tan-Nutar Dottor Clinton Bellizzi nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Frar tas-sena kurrenti u cioe' elfejn u dsatax (2019). Kopja tal-imsemmi kuntratt qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dok B;**

4. Illi permezz tal-imsemmi kuntratt pubbliku hawn fuq imsemmi, il-kura u kustodja tal-minuri giet fdata esklussivament f'idejn ir-rikorrenti;

5. Illi r-rikorrenti ghandha wild iehor li twieled fiz-zwieg taghha ma' terza persuna qabel ir-relazzjoni hawn fuq imsemmija, liema wild jismu "Rio" u ghandu l-kunjom kemm ta' missieru kif ukoll tar-rikorrenti u cioe' "Warner Borg", kif jidher mill-Att ta' Twelid li jgib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 240 tas-sena elfejn u sitta (2006), hawn anness u mmarkat bhala **Dok C;**

6. Illi r-rikorrenti tixtieq li l-minuri uliedha jgibu kunjom komuni bejniethom u umilment tissottometti li dan ikun fl-ahjar interess tal-istess minuri ghalhekk ir-rikorrenti tixtieq illi hija zzid kunjomha u cioe' "Borg" flimkien ma' kunjom il-missier bint il-partijiet biex eventwalment kunjom il-minuri Luna Rosa jkun jaqra "Bourne Borg";

7. Illi missier il-minuri Michael Bourne ma ghandu l-ebda oggezzjoni li l-kunjom tal-omm u cioe' "Borg" jigi mizjud ma' kunjomu u b'hekk il-minuri tkun ufficjalment maghrufa bhala "Luna Rosa Bourne Borg". Di fatti mar-rikors odjern, l-esponenti qieghda tannetti dikjarazzjoni guramentata tal-missier Michael Bourne, immarkata bhala **Dok D;**

8. Illi l-minuri kkoncernata ghandha biss sentejn (2) ghalhekk f'kaz li jintlaqghu t-talbiet kif dedotti l-ebda pregudizzju ma se jkun ikkawzat lil terzi. Inoltre, kemm-il darba jintlaqghu t-talbiet kif dedotti, ir-rikorrenti tissottometti b'umilta' li l-interessi tal-istess minuri sejrin jigu ssalvagwardjati b'mod ahjar;

9. Illi din il-procedura qieghda ssir *ai termini* tal-artikoli 253 *et seq.* Tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, ir-rikorrenti titlob bir-rispett u bl-aktar qima, li din l-Onorabbli Qorti joghgobha;

1. Tordna, qabel is-smigh tal-kawza, illi jigi ppublikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna l-korrezzjoni fl-Att tat-twelid ta' Luna Rosa Bourne li jgib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 6095 tas-sena 2016, billi fil-kolonna ntestatat *Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha,* jizdied il-kunjom "Borg" sabiex b'hekk isem it-tarbija jkun jidher bhala "Luna Rosa Bourne Borg";

3. Tordna li l-istess korrezzjoni ghandha tigi wkoll riflessa f'kull att ta' status civili iehor mahrug fuq l-istess Luna Rosa, u dan skont l-artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Tordna li l-istess korrezzjoni ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, u dan *ai termini* tal-Artikolu 256 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

U dan taht dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni li timponi fic-cirkostanzi.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. Illi fil-mertu l-esponent jirrileva illi din l-azzjoni legali qed tigi ppernjata abbazi tal-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jigi ddikjarat illi kunjom il-minuri huwa 'Bourne Borg' minflok 'Bourne' u li konsegwentament ghandha ssir l-korrezzjoni necessarja mill-konvenut fl-Att tat-Twelid bin-numru 6095 tas-sena 2016 hawn anness u mmarkat bhala Dok. DRP 1;

2. Illi f'dan l-istadju l-esponent jeccepixxi illi Artikolu 253 tal-Kodici Civili, jaghti biss lok ghal korrezzjonijiet f'ismijiet u mhux f'kunjomijiet salv pero' jekk ma jkunx hemm xi zball

genwin li ghandu jkun wiehed car u evidenti, hekk kif gie enuncjat fid-dibattiti parlamentari u giurisprudenza nostrana;

3. Illi rigward kunjomijiet li jassumu ulied li gew imnissla u mwielda fiz-zwieg, l-artikolu applikabbli huwa Artikolu 4(3) tal-Kodici Civili li ghandu jinqara kontestwalment ma' Artikolu 292A tal-istess Kodici. Dawn iz-zewg artikoli jistipulaw:

   *"Artikolu 4(3): Ulied iz-zwieg jiehdu kunjom missierhom, li warajh jistghu jizdiedu, skont l-artikolu 292A, kunjom xbubit ommhom jew kunjom zewgha li jkun miet qabilha";*

   *"Artikolu 292A: Min jaghti l-avviz tat-twelid ghandu wkoll jikkonsenja dikjarazzjoni mill-genituri tat-tifel li fiha jkun hemm indikat il-kunjom li t-tifel ikun ser juza fit-termini ta' artikolu 4(3) jew tal-artikolu 92, u dak il-kunjom ghandu jkun registrat fil-kolonna taht l-intestatura "Isem jew ismijiet li bih it-tarbija ghandha tigi msejha u l-Kunjom" fl-att ta' twelid minnufih wara dak l-isem jew ismijiet. Meta ma ssirx dikjarazzjoni bhal dik fil-kaz ta' tifel imnissel imwieled fiz-zwieg, kunjom il-missier ghandu jitqies li jkun gie hekk dikjarat, u fil-kaz ta' tifel imnissel u mwieled barra miz-zwieg, kunjom xbubit l-omm ghandu jitqies bhala l-kunjom hekk dikjarat";*

4. Illi fic-cirkostanza illi ma ssirx id-dikjarazzjoni ai termini tal-Artikolu 292A tal-Kodici Civili, ghandu ghaldaqstant jitqies li l-kunjom li ghandha tassumi t-tarbija huwa dak biss tal-missier, liema ghazla ghandha tkun meqjusa bhala wahda definittiva;

5. Illi fil-kaz odjern, meta r-rikorrenti marret tiddikjara t-twelid tal-minuri mad-Dipartiment tar-Registru Pubbliku, fid-dikjarazzjoni hija nizzlet li l-kunjom li se tassumi l-minuri kien

dak ta' 'Bourne'. Fil-fatt din id-dikjarazzjonijiet tinsab hawn annessa u mmarkata bhala Dok. DRP 2;

6. Illi fir-rikors guramentat ir-rikorrenti tirrileva illi tali azzjoni giet intavolata ghaliex hija tax-xewqa illi bintha Luana Rosa Bourne taddotta ukoll kunjom ommha xebba u cioe' Borg, stante li iben l-iehor tar-rikorrenti ghandu kunjom xbubit ommu aggunt ma' dak ta' missieru. B'hekk ir-rikorrenti hija tal-fehma illi ghal interess tal-minuri ikun idoneju illi l-ahwa mill-istess omm biss, ikollhom kunjom komuni bejniethom;

7. Illi in vista tal-premess, l-esponent jissottolineja illi r-rikorrenti f'ebda waqt ma gie ddikjarat jekk tali ghazla kienetx wahda bbazata fuq zball genwin da parti l-istess rikorrenti. Indubjament, l-esponent huwa tal-umli fehma illi huwa ma kienx responsabbli ghal din id-diskrepanza u dan stante li ma kien l-ebda ommissjoni jew nuqqas da parti l-konvenut fil-mument tar-registrazzjoni tal-istess twelid;

8. Illi stante l-premess, l-esponent jirrimetti ruhu ghall-ghaqli u s-savju gudizzju tal-Onorabbli Qorti u dan fid-dawl tal-interess suprem tal-minuri, salv li r-rikorrenti ggib prova cara illi tali nuqqas da parti taghha kien zball sabiex b'hekk l-istess talbiet ikunu jistghu jinkwadraw taht l-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Illi bla pregudizzju ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;
10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigi ingunti in subizzjoni.

Rat l-affidavits, dikjarazzjoni, kuntratt, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat in-nota ta' referenza esebita mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku a fol. 49 sa fol. 60 tal-process;

Rat illi fil-verbal tat-13 ta' Frar, 2020 il-kawza giet differita ghad-decizjoni ghallum;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi r-rikorrenti Miriam Christine Borg permezz tal-kawza odjerna qieghda titlob li ssir korrezzjoni fl-att tat-twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 6095 tas-sena 2016 ta' bintha minuri Luna Rosa Bourne li llum ghandha l-eta' ta' tlett (3) snin (certifikat a fol. 21 tal-process). Hi qed titlob li fil-kolonna intestata 'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha', wara l-kliem Luna Rosa Bourne (fejn effettivament Bourne huwa l-kunjom u mhux l-isem) ghandu jizdied ukoll il-kunjom taghha u cioe' Borg, biex b'hekk il-minuri tigi msejha bl-isem ta' Luna Rosa u bil-kunjom Bourne Borg. Fir-risposta tieghu d-Direttur intimat fost affarijiet ohra eccepixxa li l-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti biss lok ghal korrezzjonijiet f'ismijiet u mhux f'kunjomijiet salv pero' jekk ma jkunx hemm xi **<u>zball genwin</u>** li ghandu jkun wiehed car u evidenti. Finalment id-Direttur intimat irrimetta ruhu ghall-gudizzju ta' din il-Qorti u dan fid-dawl tal-interess suprem tal-minuri, salv li r-rikorrenti ggib prova cara illi tali

nuqqas kien zball sabiex b'hekk l-istess talbiet jinkwadraw taht l-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif mitluba mill-ligi saret nhar is-26 ta' April, 2019 u prova ta' dan giet esebita a fol. 44 tal-process;

Rat illi fl-atti gie esebit il-kuntratt datat 21 ta' Novembru, 2019 bejn r-rikorrenti Miriam Christine Borg u Michael Bourne (missier il-minuri) fejn gie miftiehem li l-kura u l-kustodja tal-minuri Luna Rosa Bourne ghandha tkun fdata esklussivament f'idejn ir-rikorrenti Miriam Christine Borg;

Rat ukoll illi fl-atti giet prezentata dikjarazzjoni ta' Michael Bourne, missier il-minuri Luna Rosa Bourne, fejn da parti tieghu ma jopponix ghat-talba tar-rikorrenti;

Illi din il-kawza qieghda ssir ai termini tal-Artikoli 253 *et seq* tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghtu dritt lil persuna li tressaq talba gudizzjarja sabiex tinghata korrezzjoni fir-registrazzjoni ta' isem jew ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi in sostenn tat-talbiet taghha r-rikorrenti ressqet ukoll kopja tal-hinijiet ta' attendenza tar-Rainbow Kids Childcare centre, li fihom l-isem indikat tal-minuri huwa dak ta' Luna Bourne Borg li huma attribwiti ghall-Gunju tas-sena 2019 (a fol. 28 sa fol. 31 tal-process).

Illi ghandu jinghad li l-Artikolu 253 (1) u (2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jippermetti, taht certi cirkostanzi, l-bdil ta' isem ta' persuna. Bil-kuntrarju l-korrezzjoni ta' kunjom jirrizulta li legalment huwa aktar imprekattiv u jista' jsir biss jekk jirrizulta li kien rizultat ta' zball genwin. Fil-fatt il-Qrati Maltin fid-

decizjonijiet taghhom dejjem zammew rigidi fil-kaz ta' korrezzjoni fil-kunjom. Fil-kaz prezenti r-rikorrenti Miriam Christine Borg tghid li tixtieq li l-kunjomha 'Borg' jizdied ma' dak ta' bintha minuri biex tigi 'Luna Rosa Bourne Borg'. Bhala raguni ghan-nuqqas ta' inkluzjoni tal-kunjom 'Borg' fid-dikjarazzjoni, hija tghid li meta twieldet it-tifla Luna Rosa r-relazzjoni ma' missier il-minuri kienet wahda tajba tant li kienet qieghda tikkunsidra z-zwieg u ghalhekk kien finalment minghaliha li kollha kienu ser jigu kunjom wiehed. Madanakollu r-relazzjoni ma' missier il-minuri ntemmet u ghalhekk il-minuri spiccat b'kunjom differenti minn dak tar-rikorrenti ommha Miriam Christine Borg u sahansitra b'kunjom kompletament divers minn dak ta' huha. Fil-fatt ir-rikorrenti tkompli tghid li hija ghandha wild iehor li twieled mill-ewwel zwieg taghha li wkoll ghandu l-kunjom 'Borg' mizjud ma' dak ta' missieru. Izzid tghid li jekk it-talba li l-kunjom 'Borg' jizdied ma dak ta' Bourne tintlaqa, entrambi l-ulied tar-rikorrenti almenu jkollhom kunjom komuni u dan jista jevita sitwazzjonijiet imbarazzanti f'attivitajiet extrakurrikulari tal-ulied jew f'sitwazzjoni meta jsiefru kollha flimkien.

Jinghad li r-raguni primarja ghalfejn il-korrezzjoni tal-kunjom hija aktar imprekattiva minn dik tal-isem hija proprju minhabba l-interess pubbliku u dana stante li kambjamenti f'kunjom jista johloq pregudizzju lejn interess ta' terzi. Di fatti hekk inghad fis-sentenza **John Zammit maghruf bhala John Edward Zammit Pace -vs- Direttur tar-Registru Pubbliku** deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-2 ta' Marzu, 1994 fejn gie ritenut illi:

> '… Dan huwa fil-fatt wiehed mill-iskopijiet principali li jservi ghalih ir-Registru Pubbliku, u cjoe' li jkun hemm mod kif terzi li jridu jikkontrattjaw ma certu individwu jkunu f'posizzjoni li jaghmlu ricerka fuq dak l-individwu b'mod

> kemm jista jkun komplet, u kien propju minhabba dan l-interess tal-pubbliku, u fis-sentenza kkwotata mill-attur tal-31 ta' Ottubru 1930, Maclean gia' Abdilla vs Notario Salvatore Cremona, l-Qorti ddecidiet, anke wara li laqghet it-talba, li spejjez ta' l-attur, kellu l-annotament jigi ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern fi zmien 15-il gurnata; Il-Qorti infatti qalet hekk:- "*Ordina all'attore – a maggior cautela dell'interesse dei terzi – che un aviso venga anche pubblicato, a spese di esso attore entro giorni quindici, nella Gazzetta di Governo indicante la presente decizione con referenza all'avviso gia pubblicato*'.

Ir-rikorrenti Miriam Christine Borg tammetti genwinament li l-izball li ghamlet kien li ma nkludietx kunjomha xebba flimkien ma' ta' missier il-minuri u dan malgrad li kien hemm min fethilha ghajnejha. In sostenn tat-talba taghha r-rikorrenti tghid li din it-talba saret fl-ahjar intenzjonijiet ta' bintha. Il-Qorti rat ukoll li fiz-zmien li giet registrata l-minuri sahansitra r-rikorrenti kien ghad kellha l-kunjom ta' mizzewga Warner u mhux dak ta' xebba Borg u dan certament aktar ikkomplika wkoll l-affarijiet fid-decizjoni li kellha tittiehed dwar kunjom il-minuri f'dak il-mument.

Illi applikat l-argument tal-kawza citata ghall-fattispecie tal-kaz prezenti, jirrizulta li l-kambjament mitlub huwa f'kunjom ta' minuri li llum iggib tlett (3) snin. Fil-hsieb tal-Qorti dan il-kambjament fil-kunjom tal-minuri ta' tlett (3) snin zgur li ma hu ser ikollu l-ebda impatt fuq drittijiet ta' terzi. Din il-Qorti temmen ukoll illi kieku l-attrici setghet tipprevedi li hija ma kinitx ser tghaddi ghaz-zwieg ma' missier il-minuri ma kinitx taghmel l-izball li taghti lill-minuri l-kunjom biss tal-missier aktar u aktar meta wiehed jikkunsidra li kunjom il-missier mhux kunjom maghruf fil-Gzejjer Maltin fejn tirrisjedi l-minuri. Il-Qorti tifhem ukoll li f'dawk ic-cirkustanzi la darba r-rikorrenti kienet verament

qed temmen li kunjomha stess ser isir Bourne allura kien jaghmel sens li l-minuri tinghata biss dak il-kunjom. Jirrizulta izda li d-destin ried mod iehor u l-omm rikorrenti ma zzewgitx lil missier il-minuri bir-rizultat li fil-familja spiccaw l-omm b'kunjom, it-tifel b'zewg kunjomijiet li wiehed minnhom biss jaqbel ma dak tal-omm u l-bint b'kunjom li ma ghandu x'jaqsam xejn mal-bqija tal-familja mmedjata taghha u li ghandha l-kura u l-kustodja esklussiva taghha. **Il-Qorti f'dawn ic-cirkostanzi temmen li r-rikorrenti verament dakinhar tar-registrazzjoni wettqet zball genwin ghalkemm mhux neccessarjament dan ghamlitu konxjament.** Il-Qorti temmen ukoll fil-buona fede tal-attrici u taqbel maghha li l-addizzjoni tal-kunjom 'Borg' huwa fl-ahjar interess tal-minuri kif fuq kollox halla f'idejn din il-Qorti d-Direttur intimat fit-tmien eccezzjoni tieghu fejn sostna hu stess li l-interess suprem tal-minuri ghandu jiprevali. Jinghad li fejn jidhlu t-tfal il-ligijiet taghna jipprovdu li l-interess suprem tal-minuri ghandu dejjem jkun priorita' fi kwalunque cirkostanza u l-Qorti temmen li l-fatt li l-minuri bint ikollha almenu kunjom wiehed li jaqbel ma' dak ta' huha u ta' ommha ser jghin sabiex jaghti aktar certezza l-identita' taghha fis-socjeta' Maltija fejn hija tirrisjedi u jiffacilita zgur l-ezistenza taghha mill-anqas sakemm hija tkun ghadha qed tattendi facilitajiet edukattivi. Dan minghajr ma wiehed jissottovaluta is-'sense of belonging' tal-minuri lill-familja li qed trabbiha. Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat sakemm dawn huma

inkompatibbli ma' dak hawn deciz, tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel talba ezawrita stante li l-pubblikazzjoni tal-avviz fil-Gazzetta tal-Gvern saret nhar is-26 ta' April, 2019 a fol. 44 tal-process;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna l-korrezzjoni fl-Att tat-twelid tal-minuri Luna Rosa Bourne li jgib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 6095 tas-sena 2016, billi fil-kolonna intestata *Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha*, ghandu jizdied il-kunjom 'Borg' sabiex b'hekk isem it-tarbija jkun jidher bhala Luna Rosa u l-kunjom bhala Bourne Borg;

3. Konsegwentement tilqa' t-tielet talba u tordna li l-istess korrezzjoni ghandha tigi wkoll riflessa f'kull att ta' status civili iehor fil-poter tal-intimat mahrug fuq l-istess Luna Rosa, u dan skont l-artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Tilqa' r-raba' talba u tordna li l-istess korrezzjoni ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, u dan ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza ghar-ragunijiet suesposti ghandhom jigu nterament sopportati mill-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**5 ta' Gunju, 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**5 ta' Gunju, 2020**